

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Conseil d'État (Franza) fl-20 ta' Ġunju 2019 — Vert Marine SAS vs Premier ministre, Ministre de l'Économie et des Finances

(Kawża C-472/19)

(2019/C 280/42)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Qorti tar-rinviju

Conseil d'État

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Vert Marine SAS

Konvenuti: Premier ministre, Ministre de l'Économie et des Finances

Domandi preliminari

1. Id-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni ⁽¹⁾ għandha tiġi interpretata fis-sens li tipprekludi li leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, bil-għan li tippromwovi l-akkontabbiltà fl-akkwist pubbliku, tista' ma tagħtix lil operatur ekonomiku kkundannat permezz ta' sentenza definittiva għal reat ta' natura partikolarment serja u li, għal din ir-raġuni, huwa suġġett għal miżura ta' projbizzjoni li jipparteċipa fi proċedura ta' għoti ta' kuntratt ta' konċessjoni għal perijodu ta' ħames snin, il-possibbiltà li jipproduċi provi li jikkonfermaw li l-miżuri li jkun ħa huma suffiċjenti sabiex juru l-affidabbiltà tiegħu lill-awtorità kontraenti minkejja l-eżistenza ta' din ir-raġuni ta' esklużjoni?
2. Jekk id-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 tippermetti lill-Istati Membri jagħtu lil awtoritajiet għajr lill-awtorità kontraenti kkonċernata r-responsabbiltà li tevalwa l-mekkaniżmu ta' konformità tal-operaturi, tali possibbiltà tippermetti li dan il-mekkaniżmu jiġi fdat lil awtoritajiet ġudizzjarji? Fil-każ ta' risposta affermattiva, mekkaniżmi bħal dawk previsti fid-dritt Franċiż dwar it-tneħħija ta' projbizzjonijiet, ir-riabilitazzjoni ġudizzjarja u l-esklużjoni tal-indikazzjoni tal-kundanna fil-Bullettin Nru 2 tar-rekord kriminali jistgħu jiġi assimilati ma' mekkaniżmi ta' konformità fis-sens tad-Direttiva?

⁽¹⁾ ĠU 2014, L 94, p. 1, rettifiki fil-ĠU 2015, L 114, p. 24 u fil-ĠU 2018, L 82, p. 17.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Kammergericht Berlin (il-Ġermanja) fis-26 ta' Ġunju 2019 — proċeduri kriminali kontra NJ

(Kawża C-489/19)

(2019/C 280/43)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Kammergericht Berlin (il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Berlin)

Partijiet fil-proċeduri kriminali nazzjonali

Generalstaatsanwaltschaft Berlin

vs

NJ

Domanda preliminari

L-ordnijiet li tkun suġġetta għalihom prosekuzzjoni jipprekluduha milli toħroġ validament mandat ta' arrest Ewropew ⁽¹⁾ anki jekk din id-deċiżjoni tkun suġġetta għal stħarriġ ġudizzjarju eżawrjenti qabel l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew?

⁽¹⁾ Ara, f'dan ir-rigward, id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri (ĠU 2002 L 190, p. 1, rettifika fil-ĠU 2009 L 17, p. 45).

Digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-3 ta' April 2019 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Landesverwaltungsgericht Steiermark — l-Awstrija) — Mijo Meštrović vs Bezirkshauptmannschaft Murtal, fil-preżenza ta': Finanzpolizei

(Kawża C-50/18) ⁽¹⁾

(2019/C 280/44)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja ordna t-tħassir tal-kawża.

⁽¹⁾ ĠU C 259, 23.7.2018.

Digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-12 ta' April 2019 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika tas-Slovenja, sostnuta minn: Ir-Renju tal-Belġju, Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, Ir-Repubblika Franċiża

(Kawża C-69/18) ⁽¹⁾

(2019/C 280/45)

Lingwa tal-kawża: is-Sloven

Il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja ordna t-tħassir tal-kawża.

⁽¹⁾ ĠU C 152, 30.04.2018.
